

## MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0066/06

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Marcin Libicki, Adam Bielan, Šarūnas Birutis, Jan Březina, Danutė Budreikaitė, Sylwester Chruszcz, Valdis Dombrovskis, Mojca Drčar Murko, Hanna Foltyn-Kubicka, Bronisław Geremek, Maciej Giertych, Bogdan Golić, Dariusz Grabowski, Stanisław Jałowiecki, Mieczysław Janowski, Filip Kaczmarek, Michał Kamiński, Sergej Kozlík, Guntars Krasts, Urszula Krupa, Jan Kułakowski, Zbigniew Kuźmiuk, Jan Masiel, Ljudmila Novak, Janusz Onyszkiewicz, Bogdan Pęk, Mirosław Piotrowski, Zdzisław Podkański, Bogusław Rogalski, Wojciech Roszkowski, Leopold Rutowicz, Grażyna Staniszewska, Andrzej Szejna, Konrad Szymański, Witold Tomeczak, Inese Vaidere, Bernard Wojciechowski, Janusz Wojciechowski, Andrzej Zapałowski u Roberts Zīle lill-Kummissjoni

Suġġett: Linji gwida dwar l-impjegar ta' ħaddiema ppreżentati mill-Kummissarju Spidla

Fis-seduta tal-Parlament Ewropew ta' 1-4 ta' April 2006, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' direttiva l-ġdid dwar is-servizzi, li l-punti essenziali tiegħu jqisu l-emendi tal-Parlament. Il-differenza essenzjali bejn il-verżjoni l-ġdida tad-direttiva u l-verżjoni oriġinali tinsab fil-fatt li dispożizzjonijiet ewlenin li jirrigwardaw il-liberalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi issa tneħħew, inkluż il-prinċipju tal-pajjiż ta' l-oriġini. Hija ma testendix b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet difettużi dwar il-moviment ħieles tas-servizzi li attwalment huma fis-seħħ skond it-Trattati. Waqt li f'dawn l-aħħar xhur iddefenda l-verżjoni b'effett imnaqqas ta' l-abbozz ta' direttiva dwar is-servizzi, il-President tal-Kummissjoni wiegħed li d-dispożizzjonijiet imħassra jkunu ssostitwiti b'soluzzjonijiet oħra. Fid-dawl ta' dan:

1. Il-linji gwida li ma jorbtux dwar l-impjegar ta' ħaddiema, li kienu mħabba flimkien ma' l-abbozz ta' direttiva l-ġdid dwar is-servizzi u ppreżentati mill-Kummissarju Spidla, huma s-soluzzjonijiet l-oħra' li rrefera għalihom il-President tal-Kummissjoni?
2. Il-Kummissjoni tqis il-linji gwida hawn fuq imsemmija bħala mezz effettiv li jiggarrantixxi l-liberalizzazzjoni tas-suq komuni intern tas-servizzi?
3. Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-proposti inklużi fil-linji gwida, bħalma huwa l-qsim ta' esperjenzi mill-ażjendi fir-rigward ta' impjegar ta' ħaddiema jew il-bagħta ta' kwestjonarju lill-awtoritatjet nazzjonali sabiex dawn jevalwaw l-ostakli għall-impjegar ta' ħaddiema mqiegħda minnhom, jistgħu effettivament jaħdnu kontra r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-forniment tas-servizzi introdotti minn xi Stati Membri?
4. Il-Kummissjoni se tippreżenta soluzzjonijiet oħra maħsuba sabiex b'mod effettiv testendi l-liberalizzazzjoni tas-suq tas-servizzi jew se tikkuntenta b'miżuri foloz bħalma huma t-tnedja ta' linji gwida li m'huma xejn ħlief għall-apparenza, jew it-tfassil ta' abbozz ta' direttiva dwar il-libertà tal-forniment tas-servizzi, li hija kwistjoni li ilha tagħmel parti integrali mit-Trattati tal-Komunità?

Imressqa: 21.06.2006

Mgħoddija: 23.06.2006

Skadenza għat-tweġiba: 30.06.2006